MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 325/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Michael Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) rappresentanti import ta' tmien kambjali kollha ta' Lm75.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 8).
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Jannar 2003 jammontaw ghal Lm16.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' Lm6 ghal Konsult legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal mitejn u sebgha u sittin lira Maltin (Lm267.00), bl-imghax pagabbli mit-28 ta’ Frar 2003.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u sebgha u sittin lira Maltin (Lm267.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------